MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Numru. 1120/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**
**vs**
**Anton Briffa**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Anton Briffa ta' 34 sena bin George u Mary nee' Dalli gewwa H'Attard nhar is-7 ta' Frar 1977 u residenti fil-fond San Gabriel, Triq il-Madonna tad-Duttrina, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 118877(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-02 ta' Ottubru 2011 ghall-habta tal-16.40hrs gewwa Ta' Qali limiti ta' H'Attard:-

1) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' **Mark Lawrence Rizzo**, jew gablu disordni f'mohhu w li

liema hsara jista' jgib periklu ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz u dan skond ma iccertifikat Dr. J. Scicluna MD (Reg No. 1777) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta, **bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, **bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Il-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Mark Lawrence Rizzo u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, 385, 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Ottubru 2011 (esebit a fol. 7 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-11 ta' Novembru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat l-fatt li l-parti civili irrinunzja ghal dak kolli rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat, u l-fatt li l-partijiet irrisolvew il-pendenzi ta’ bejniethom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214, 216, 338(dd) u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------